# MIKIEL ANTON VASSALLI

*(Jorbot ma' l-Għadd ta' qabel paġ. 83)*

Barra minn dak kollu li nafu fuq Vassalli mill-kittieba tal-Grajjiet ta' Malta, u l-iktar fuq il-ħidma tiegħu bħala partitarju Franċiż u fuq il-konfeffa li saret u l-ħabs li bata, bi ftit tas-sabar, megħjun dejjem minn ħabibi Ġużê Gatt, irnexxieli naqbad xi tarf sewwa fuq il-għamla ta' konfeffa li saret u dwar il-kundanna ta' Vassalli u sħabu u ftietaq oħra li naħseb ebda wieħed mill-kittieba li semmejt ma sata' jkun jafhom. Il-proċess li sar mill-Kummissjoni, li quddiemu ġew imressqin Vassalli u Barbara,mixlijin, milli jidher, talli ikkunfoffaw kontra l-Gvern tal-Ordni, ma stajna nsibu tiegħu ebda tifkira sħiħa bil-miktub. Illi Vassalli kien imressaq quddiem Kummissjoni biex tifli l-ħtija tiegħu u sar dan il-proċess u li fih Vassalli deher bħala wieħed mill-aqwa fost il-ħatjin jidher ukoll minn xi dokumenti ta' dak iż-żmien li jsemmu dan il-proċess u jsejħulu bħala *il-Proċess ta' Vassallo.* Minn xi dokument ieħor jidher ukoll illi f'dik il-Kummissjoni kien għamilha ta' President il-Balliju Hompesch li wara sar Gran Mastru. Iżda barra minn dawna, hemm dokument li jitkellem fuq il-kundanna ta' Vassalli u sħabu kif ukoll fuq serq ta' armi u porvli mill-Armerija tal-Belt Pinto (Ħal-Qormi). Dan id-dokument jidher li hu mislut minn xi ieħor b'faċċati neqsin, għaliex il-ftit paġni mdaħħlin ma' oħrajn barranija marbutin f'volum wieħed iġibu l-għadd ta' mill-paġna 136 sal-paġna 139, fil-waqt li l-faċċati l-oħra kollha ta' dan il-volum ma huma innumerati b'xejn u l-anqas ma jitħaddtu fuq din il-ħaġa. Il-kundanna ta' Vassalli u sħabu bid-data tat-12 ta' Ġunju, 1797 turi biċ-ċar illi dawn id-dokumenti huma biċċa minn dak il-proċess li fuqu jitkellmu Panzavecchia u Vassallo fl-Istejjer tagħhom u l-manuskritti l-oħra li semmejt. Għalkemm dawn ma jsemmux id-data ta' dan il-proċess, nistgħu ngħidu li l-arrest ta' Vassalli u sħabu kien f'Mejju tal-1797 u dan hu mwettaq minn avviż li kien ħareġ Napuljun f'Malta fit-13 ta' Ġunju, 1798 fejn qal li "*l-partiġjani tar-Rivoluzzjoni ġew maħqurin, bosta minnhom* "*ġew itturufnati mingħajr ebda formalitajjiet meħteġin mil-* "*liġi u fix-xahar ta' Mejju 1797, għadd kbir ta' nies (par-* "*tiġjani tar-Rivoluzzjoni Franċiża) ġew arrestati u mitfugħin* "*il-ħabs bħala ħatjin; Vassalli wieħed mill-irġiel l-iktar* "*magħrufin tal-pajjiż għall-għerf kbir tiegħu, ġie ikkundannat* "*biex jiġi magħluq għal ħajtu ġewwa ħabs.*" (1)

(1) Ara "Archivum Melitense" Vol. VI. p. 139. Dan l-avviż kien ħarġu l-Gvern Franċiż biex ifakkar lill-pôplu Malti r-raġuni li għaliha ħataf minn taħt idejn l-Ordni l-Gżejjer ta' Malta. Fost in-nies tal-erbat ibliet kien qam

Issa narġgħu għad-dokument li fih Vassalli jidher bħala kap ta' konfeffa kontra l-Ordni. Minn dan id-dokument nisiltu fil-qosor dan li se' nsemmu :

Bejn ir-Rebbiegħa u s-Sajf tal-1797 insab li mill-Armerija ta' Ħall-Qormi kienu nserqu xi porvli u armi tan-nar. Fuq hekk saret tfittxija sewwa u ġew arrestati xi nies li kienu mdaħħlin fil-konfeffa kontra l-Ordni kif ukoll f'dan is-serq li ġie magħmul bil-ħsieb li jżarmaw l-Artillerija ta' dawk l-inħawi fejn milli jidher kienet se' tqum ir-rewwixta. Fost l-arrestati kien hemm Mikiel Balzan armier li kellu taħt idejh l-Armerija ta' Ħall-Qormi mixli talli seraq il-porvli u l-armi minn din l-Armerija; *Mikiel Anton Vassalli*, bħala kap tal-konfeffa, u sħabu Ċensu Barbara, Salvu Schembri, Masu Zammit, Ġużê Micallef imlaqqam "Ta' Buda". Patist Triganza, Salvu Bartolo, Kalċidon Xuereb u Anġlu Bartolo. Kuddiem l-Imħallfin f'dan il-Proċess ġew imsejħin u taw ix-xhieda tagħhom :—

*Fil-10 ta' Ġunju 1797*, l-Armier tal-Artillerija u l-Kmandant tal-Artillerija, il-Kavalier De Bardonenche fejn stqarru li mit-3 ta' April 1795 ebda biċċa arma ma ġiet mogħtija lilhom għat-tiswija mill-ħati Mikiel Balzan.

*4 ta' Ġunju*, Manwel Morello, logutenent tal-Viskont b'rapport fejn semma t-tfittxija li saret fl-Armerija u fil-bir tal-istess Armerija. Fih hemm il-lista tal-armi li nsabu fil-bir.

*4 ta' Ġunju*, Dovik Grech fejn semma l-armi li talla' mill-bir.

*12 ta' Ġunju*, Marì, il-mara ta' Baskal Felice fejn stqarret li rċeviet minn għand l-armier Mikiel Balzan xkora mimlija bl-azzarini miksura bħala njam għall-ħruq.

Ix-xhud u x-xhiediet tal-konfeffa ma huma msemmijin b'xejn. Is-sentenza mogħtija lill-ħatjin, kif ġiet imwettqa mill-Gran Mastru (De Rohan), imfissra bil-malti hija din : "Il-Gran Mastru wara li sama' r-relazzjoni mogħtija mill-Imħallfin maħturin minnu, fejn fissru l-parir kontra kull wieħed minn dawn li hawn miktubin taħt, misjubin b'ħatja kontra l-Istat u fejn fissru l-piena li kull wieħed minnhom

**bħal tixwix kontra l-Franċiżi għal môd li bih ir-Repubbblika Franċiża ħabtet għall-Gżejjer ta' Malta u ħadithom bil-qerq u mingħajr qabel ma sar ebda ftehim ta' bejn Putenza u oħra u għalhekk b'dan l-avviż, li fih ġabar il-ħtijiet tal-Ordni, il-Gvern Franċiż deherlu li għandu jsikket il-qlub imxewxa tal-Maltin.**

jisthoqqlu, jiġifieri, illi *Mikiel Anton Vassalli*, kap prinċipali tal-konfeffa jiġi magħluq il-ħabs għall-għomru fil-Kastell tar-Rikażli u li Censu Barbara, Salvu Schembri jiġu itturrufnati għal dejjem minn dawn il-Gżejjer u li Masu Zammit u Ġużè Micallef, imlaqqam *Buda*, jiġu wkoll imkeċċijin minn dawn il-gżejjer b'turrufnament għal għaxar snin u li Patist Triganza u Salvu Bartolo jiġu wkoll imkeċċijin b'turrufnament għal sentejn u li Kalċidon Xuereb u Anġlu Bartolo jiġu wkoll itturrufnati għal sena biss u li fl-aħħar Mikiel Balzan, armier, għad-delitt ta' serq ta' porvli u armi mill-Armerija tal-Belt Pinto, mogħtija f'idejh mill-Ministri tar-Reliġjon, jiġi itturrufnat għal għomru, bil-patt li jista' jiġi mħarrek (għad-danni) b'"kawża ċivili" favur l-imsemmija Reliġjon li ssir quddiem il-Qorti li għandha l-jedd (*coram quo de jure*); u billi l-imsemmi Gran Mastru għoġbu jilqa' f'kollox u għal kollox dan il-fehma, huwa għalhekk amar u jamar li din il-fehma titwettaq u tingħamel minnufih, billi għal xi raġunijiet li jidhirlu xierqa jżid u jamar, għal dawk biss li huma ħtijiet tal-imsemmijin Xuereb u Triganza, illi wara li jagħlaq iż-żmien li hu mogħti hawn fuq tat-turrufnament tagħhom, huma għandhom jissuktaw f'din il-piena sakemm minnu tingħata ordni ġdida u sakemm jogħġob lilu.

Il-lum, it-12 ta' Ġunju, 1797

Il-Kavalier

DE GONDIECROIT

*Vici-Cancellier.*

* * *

Minn din is-sentenza jidher biċ-ċar illi Vassalli u sħabu ġew misjubin ħatja ta' *delitt kontra l-istat*,—konfeffa għall-qawma tal-Maltin kontra l-Ordni u ta' serq ta' porvli u armi tan-nar mill-Armerija tal-Ordni f'Ħall Qormi. Aħna għalhekk ma nistgħux inwettqu għal kollox dak ti tarrfulna Panzavecchia u Vassallo. Huma riedu jfissrulna li billi ma kienx hemm xhidiet biżżejjed u billi fil-konfeffa kien hemm imdeffsin xi membri tal-Ordni, il-proċess kellu jinqata' jew isir fuq-fuq u s-sentenza tingħata miunufih kontra Vassalli u Barbara u xi oħrajn. Mid-dokumenti li għandi f'idejja jidher biss illi f'dan il-proċess kien hemm iva mdeffsin xi membri tal-Ordni, fosthom nies imsemmijin minn Panzavecchia u Vassallo, iżda x'nibet u x'kellu jinbet kontra tagħhom, ma nistgħux ingħiduh sewwa.

Fost il-karti ta' De Mayer, is-Segretarju ta' Hompesch, tinsab lista ta' ismijiet ta' Franċiżi u Maltin meqjusin bħala *tradituri* tal-Ordni. Din il-lista ġiet magħmula bl-ordni tal-Gran Mastru Hompesch fi Triesti bid-data tal-15 ta' Settembru, 1798. Fiha hemm dawn l-ismijiet li fil-biċċa l-kbira jaqblu ma' dawk li jsemmi Vassallo fl-Istorja tiegħu :— Il-Kommendatur Ransijat, il-Komm: Bardonenche, Kmandant tal-Artillerja, il-Kummissarju de Fay, inkarikat mill-Fortifikazzjonijiet u mill-Għejun, Tousard tal-Inġinieri, Picault de Mornas u l-Kommendatur Dolomieu, Doublet, Prim Skrivan fis-Segreterija tal-Fergħa Franċiża, Caruson, Konslu Franċiż, imwieled Malta, u Poussielgue, Konslu Ġermaniż. Fost il-Maltin: Il-Baruni Daurel (miżżewweġ lil Donna Orsola d'Amico Inguanez) l-aħwa Schembri, Guido, Herri (Xerri ?), Caruana Vincenzo, Segretarju tal-Isqof, Biagio Bourageois, Assessur tal-Isqof, in-Nutar Gavin Bonavita, Sachet (Souchet ?), Muscat, ex-Uditur, in-Nobbli Maltin, Avukati u Qassisin. Ebda balliju, mit-tnejn li jsemmi Panzavecchia bħala membri tal-Kummissjoni u li kienu tal-Partit tal-Ġakbini, ma jidhru mdaħħlin f'din il-lista; l-anqas l-istess Balliju de Rohan, magħruf taħt l-isem tal-Prinċep Camillo, imsemmi minn Gio-Anton Vassallo, ma jidher f'din il-lista, għalkemm minn dokumenti oħra jidher illi dan il-membru tal-Ordni ta' San Ġwann kellu xi ftit tas-sehem f'din it-tabxa.

Ir-raġuni li għaliha dan u xi ieħor, balliju bħalu, ma humiex imsemmijin naħseb li aktarx kienet dik illi Hompesch, bħala President tal-Kummissjoni fil-Proċess kontra Vassalli u sħabu, ma qabillux isemmihom, fil-waqt li xi wieħed minnhom ukoll, kif jingħad, kien imħallef fl-istess Kummissjoni. Tarġa' l-Prinċep Camillo kien qarib tal-Gran Mastru de Rohan u tarġa' wkoll ma kenitx ħaġa xierqa li dawna jiġu msemmijin mita b'hekk l-isem ta' Hompesch sata' jiġi mkasbar għal dak li hu nuqqas ta' ħaqq u dmir lejn l-Ordni, bħalma dlonk kienu għalhekk għajruh l-għedewwa tiegħu, fosthom il-Kavalieri tal-Gran Prijurat tar-Russja.

Wieħed mill-aqwa dokumenti, infatti, li fih jidhru xi ismijiet ta' nies, li setgħu kienu mdeffsin f'dan it-tixwix u konfofof kontra l-Ordni u kienu kaġun tad-daħla tal-Franċiżi f'Malta, huwa dak tal-Protesta u Manifest li saru mill-Gran Prijurat tar-Russja fil-Palazz Imperjali ta' Pietroburgo, fid-data tas-26 ta' Awissu 1798. F'dan id-dokument hemm l-ewwelnett imsemmi Vassallo (jiġifieri Mikiel Anton

Vassalli) bħala dak il-bniedem li niseġ il-konfeffa u xehed quddiem Hompesch u qal dawn il-kelmiet: "*Jekk tixtiequ tkunu tafu x'kienu d-disinni tagħna, staqsu lill-Prinċep Camillo u lil Ransijat; huma kienu li mexxewna. Din hija ħaġa magħrufa ma' Malta kollha.* Il-Prinċep Camillo de Rohan kellu l-kmand tal-milizzja tal-kampanja u Ransijat kellu f'idejh l-amministrazzjoni tal-Kaxxa tal-Ordni.

Lil wieħed ingħatat il-ħtija illi mħabba fih is-suldati kienu qamu u qatlu xi Kavalieri sħabu li kellhom suspett fihom. Fuq l-ieħor ingħad illi ġieb taħwid kbir ġewwa l-belt bix-xrariet li qajjem fost il-partit tal-Ġakbini, imwaqqaf minnu, u talli ġieb ruħu wisq ħażin mal-Gran Mastru fil-waqt li l-Franċiżi kienu niżlin l-art. Il-Manifest isemmi illi f'Jannar tal-1798, (1) id-Direttorju tar-Repubblika Franċiża kien bagħat f'Malta lil Poussielgue biex jqajjem irvell kontra l-Ordni. Dana kien jaf bil-Maltin kollha favur il-Franċiżi u l-ismijiet tagħhom kienu mniżżlin għand il-Konslu Franċiż (Caruson), qassam u ta xi flejjes, u l-iktar, lill-Kommendatur Bardonenche (2), lill-Kommendatur de Fay, u lil Tousard. Iżda l-miġja ta' Poussielgue, bħala seksief tar-Repubblika Franċiża kienet 8 xhur wara l-konfeffa u arrest ta' Vassalli u sħabu u għalhekk it-tixwix u konfofof ta' wara ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' dawk ta' Mejju 1797, għalkemm in-nies li kienu mdeffsin f'dawn tal-aħħar setgħu kienu wkoll fost dawk ta' qabel. Barra minn dan, fil-Manifest tal-Prijurat tar-Russja hemm imsemmi wkoll il-Kommendatur St. Priest (3) bħala wieħed li kien jagħlaq għajnejh għall-egħmil ta' sħabu li kienu jikkonfeffaw, kif ukoll l-isem ta' ċertu Formosa Konslu ta' Olanda li kien qajjem irvell fost il-Maltin u lilu ġie mogħti l-inkariku mill-Gran Mastru biex jieqfu l-armi u ma jsir ebda kumbatt mita Napuljun hedded li jaħbat għall-Gżira.

***(jissokta)*** A. C.

(1) Dan il-Manifest jidher maqlub bit-taljan fir-"Raccolta di Cose Antiche etc." (1843) tal-Baruni Azopardi paġ. 185-89. Barra milli f'din it-traduzzjoni tonqos l-ewwel taqsima (il-Protesta), kif ukoll it-Tweġiba tal-Imperatur Paolo I, fiha hemm xi sbalji fosthom din id-data: "Frar" flok "Jannar" kif hemm imniżżel fl-oriġinal bil-franċiż. Azopardi ħalla vojta xi ismijiet fosthom ta' *Vassallo*, (Vassalli). ta' *Poussielgue* u ta' *Formosa.*

(2) Imsemmi qabel fost dawk kollha tal-partit Franċiż. Bħala Kmandant tal-Artillerija kien xehed fil-Proċess ta' Vassalli. Ara pagna. 15.

(3) L-Awtur tal-ktieb "Malte pour un Voyageur François (1791)", fejn hemm il-Għanja Maltija "Min jitma fit-tama" etc.